**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 230 / 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Paula Ciantar)**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Carmelo Curcuruto**

Illum, 19 ta' Jannar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmelo Curcuruto detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 271996 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma ' persuna ta' taht l-eta' u cioe' ***Omissis*** meta din kienet ghadha m' ghalqitx 15 –il sena;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b' ghemil zieni, ikkorrompa persuna ta' that l-eta' bi hsara ta' ***Omissis*** ta' 14 –il sena;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, u cioe' ***Omissis***, kontra l-volonta' taghha u dan sar bhala mezz biex persuna u cioe' ***Omissis***, tigi mgeghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wettaq attentat vjolent ghall-pudur ta' ***Omissis***

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija ***Omissis*** u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huwa xierqa.

F' kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' ***Omissis*** ai termini tal-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tqis lil Carmelo Curcuruto bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex meta taghti s-sentenza flimkien ma' kull piena li tista' taghti lill-hati, taghmel ukoll Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk tkun sodisfatta li kienu saru jew jistghu jsiru arrangament ghal trattament, tohrog Ordni ta' Trattament favur Carmelo Curcuruto.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-11 ta' Novembru, 2019 (esebita a fol. 299 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 204 C (1)[1], 208 A C (1) (b), 208 A C (2) (a) u 208 B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 203 (1)[2] tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 86 u 87 (1) (g) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 207[3], 202 (i), 202 (k) u 208 A C (2) (a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 382 A, 383, 384, 385, 386, 412 C u 412 D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 t' Ottubru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-11 ta' Novembru 2019 u senjatament l-Artikoli 207, 202 (k) u 208 A C (2) (a) 49, 50 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u ikkundannatu sitt (6) xhur prigunerija. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum fejn il-persuna protetta hija ***Omissis***.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri koncernata l-Qorti ordnat d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

---

[1] Kif kien qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att X111 tal-2018
[2] Kif kien qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att X111 tal-2018
[3] Kif kien qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att X111 tal-2018(L-elementi tar-reat ikkontemplat mill-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm qabel kif ukoll wara l-imsemmija emendi baqghu l-istess)

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti jhallas lil dan tal-ahhar is-somma ta' seba' mija hamsa u hamsin Ewro u ghoxrin Ewro centezmi (€755.20c ) liema ammont jirraprezenta parti mill-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellanti Carmelo Curcuruto minnu pprezentat fit-3 ta' Novembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu fejn ma sabitux hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuża, tirrevokaha fir-rigward fejn sabitu ħati tar-raba` akkuża u konsegwentament tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u teħilsu minn kull ħtija u piena, jew jekk altrimenti din l-Onorabbli Qorti ssibu hati tar-raba` imputazzjoni, hija ghandha tikkonverti tali piena f' xoghol fil-komunita` jew piena ohra li ma tkunx karcerarja.

Rat illi l-aggravji mressqa mill-appellant huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

(1) Illi l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament hazin tal-fatt partikolari li meta l-appellant ghamel l-atti mall-imsemmija minuri, kif stqarr l-istess appellant waqt id-deponiment tax-xhieda tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati u anke waqt l-interrogazzjoni (fejn hawn wiehed jara s-sincerita` tieghu), waqt il-konversazzjoni inizjali li l-appellant kellu mall-imsemmija minuri u ferm qabel saru tali atti fir-residenza tieghu, il-minuri qaltlu li ghandha isem u eta` mod meta fil-fatt wara ssucceda li kellha isem u eta' differenti u ghaldaqstant l-appellant gie ingannat mill-minuri li tidher ferm li ghandha hazen aktar mill-appellant, anke ghaliex fil-mument li saru tali atti hija kienet taghti l-apparenza li hija zghazugha ta' eta` adulta tant li l-appellant haseb li jista jhallasha sabiex tnaddaflu l-fond u jhallasha u kien ghalhekk li hadha tara l-fond fejn joqghod f' Bugibba. Ghaldaqstant, fil-mument li graw l-atti leggeri li graw, l-appellant ma kellu l-ebda u l-icken hjiel li qed jikser xi ligi ghaliex minghalih li l-persuna li kien fil-kumpanija taghha hija zghazugha adulta mentri fil-fatt kienet minorenni u dan apparti l-

fatt ukoll li x' gie allegat mill-minuri ma giex pruvat imma biss xi stqarr l-appellant tul il-process kollu li kien dejjem konsistenti u onest.

(2) Illi fl-opinjoni umli tal-appellant, il-Qorti tal-Magistrati ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi ghaliex jekk l-istess Qorti tal-Magistrati ma sabitux hati tal-ewwel akkuza (attivitajiet sesswali ma` persuna taht l-eta`) u dan billi l-atti li huwa kkommetta l-Qorti tal-Magistrati gustament f' pagna 7 tas-sentenza fejn anke ikkwotat gurisprudenza tal-Qrati taghna li kkumentaw li dawn l-atti sesswali jrid ikollhom bhala minimu certu element ta` sess u li ghandu jkun hemm l-uzu tal-organi sesswali tal-persuni nvolti fir-relazzjoni, kif ukoll l-anqas sabitu hati tat-tieni akkuza (li kienet tghid li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b' eghmil zieni ikkorrompa persuna ta` taht l-eta` bi hsara tal-istess minuri li dakinhar kellha 14-il sena), ghaldaqstant ma kellux jinstab hati ta` attentat vjolenti ghall-pudur tal-istess minuri ghaliex ma kien hemm l-ebda attentat vjolenti: li sar sar kollu bil-kunsens taghha tal-persuna l-ohra li laghbitu u ma kien hemm l-ebda forza jew aggressjoni da parti tieghu fuq il-minuri. Il-ligi taghna tissopponi li gialdarba kienet minuri allura ma kienx hemm kunsens. Mill-banda l-ohra, minn imkien u fl-ebda xhieda ma jirrizulta li kien hemm xi forma ta` vjolenza, theddid jew aggressjoni, tant li l-appellant anke gie liberat mit-tielet akkuza li kienet tghid li huwa arresta, zamm jew issekwestra lil ***Omissis*** li wara rrizulta li hija minuri;

(3) L-eccessivita` tal-piena karcerarja u dan ghaliex kif osservat il-Qorti tal-Magistrati li kkonferiet is-sentenza, l-atti li saru kienu atti minimi ta' bews, tokkament tas-sider tal-minuri fuq il-hwejjeg u tghafis mall-minuri tal-parti genitali tal-appellant minn fuq il-hwejjeg. F' kazijiet bhal dawn u tenut kont tac-cirkostanzi kollha, fosthom il-fatt li l-appellant gie ingannat b' malizja mill-istess minuri, l-fatt li qatt ma kellu kazijiet precedenti ta` natura bhal dan il-kaz, is-sahha fragli tal-appellant u l-eta' anzjana tieghu, tali piena, jekk qatt kellu jinstab hati kellha tkun ta' sentenza sospiza jew altrimenti xoghol fil-komunita' li jkun addattat ghall-appellant u dan wara li jinhatar ' social worker' u/jew psikologu li jezaminaw l-appellant u jipprezentaw rapport,

ghalkemm irid jinghad li l-appellant altru li ma hux xi pedofolu u precedentament qabel dan il-kaz odjern QATT ma kellu istanti simili;

(4) Illi meta l-Qorti tal-Magistrati ikkonferiet lill-appellant piena karcerarja effettiva ta' sitt (6) xhur, in vista tal-eta' anzjana tal-appellant, il-kundizzjoni hazina u fragli ta' sahhtu fejn anke ghandu bzonn il-catether sabiex ma jkollux problemi akuti fl-urina, il-piena li huwa wehel mill-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta fis-7 ta' Marzu 2017 ma kinitx fuq tali akkuzi imma biss fuq procedura amministrattiva (fejn l-appellant peress li huwa cittadin taljan jghix Malta ghaliex kien mizzewweg mara Maltija ma kienx jaf bl-legislazzjoni sussidjarja partikolari li tikkoncerna registrazzjoni ta` xoghol mall-ETC) (u ghaldaqstant tali kaz ma kienx jikkoncerna kaz kriminali fejn kien hemm akkuzi simili bhal dan il-kaz odjern), tali pieni inflitta mill-Qorti tal-Magistrati fil-kaz odjern li minnha qed isir dan l-appell, hija ferm eccessiva, tenut kont ukoll li l-multa li huwa kien wehel giet imhallsa sall-anqas centezmu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2021.

Rat l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat,

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun

raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[4].

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha[5].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-

---

[4] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar,** 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[5] U dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[6]

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

L-**artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-**artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali**, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

*'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt* jekk ix-xhieda *għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.'*

Imbagħad l-**artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali** jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u

---

[6] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed,** 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt,** 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et,** 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris,** 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit,** 31 ta' Mejju 1991.

dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-**artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[7] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[8],mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-għemil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita

---

[7] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[8] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

Illi ghalhekk sabiex taghmel dan l-esercizzju din il-Qorti trid tara xi provi tresqu quddiem l-ewwel Qorti.

L-**Ispettur Paula Ciantar** xehdet nhar il-25 ta' April 2017 fejn spejgt i waqt li kienet Duty Officer vice squad giet infurmata li kien dahal rapport ta xi forma ta abbuz sesswali ta' defilement liema rapport huwa dak prezentat fl-atti u esebit a fol. 9 ta l-istess. Hija hadet konjizzjoi tal-versjoni tal-fatti kfi rapportati mill-vitma minn qari ta' dan ir-rapport fejn irrizultalha ukoll li l-kaz kien qed jigi invstigat mill-ispettur Godwin Scerri. Huma ghalhekk baghtu ghal minuri ***Omissis*** li marret id-deopt flimkien u fil-0kumopanija ta ommha Llona Gasper u missierha Peter Josef Zoltan fejn giet mtikellma fuq dak li kien gara dakinhar stess filghodu.

Spjegat li ghall-habta tal-11.00a.m telqet mid-dar taghha f'San Pawl il Bahar fi Triq Luigi Preziosi u kienet sejra ghand ohtaha li toqghod fil-vicinanzi. Hemmhekk vicin din ir-rsidenza sabet lill-appellabt u dan beda ikellimha ujghidilha ;belisima' u jghidilha kemm hi sabiha u beda ikellimha. F'hin minnhom qabadha minn idejha u gibidha lejn id-dar tieghu. Qalet li beda ibusha u anke missielha sidirha u aktar tard li kien missilha sidirha ukoll. Qaltihom li kul meta ridet titlaq kien izommha min idejha u jghidilha stenna ftit izda imbagahd irnexxilha titlaq. Meta waslet ghandu ohtha tghid li qaltiha dak li kien gara . Spejgat li l-appellant kein ta' zewg bicciet karti wahda minnhom b'ismu fuqha u l-ohra bib-numru tal-mobile tieghu bl-indirizz tieghu. Hija kienet remiet dawn il-karti izda meta spjegat dak li kien gara lil ohtha regghet maret u gabrithom.

Huma ghalhekk ghaddew biex jarretaw lill-appellant u waqt l-investigazzjoni ghamlu *photo spread* li gie markat bhala dok PC1. Il-munri ***Omissis*** kkonfermat li l-persuna li agagrediha kienet dik markata bl-ittra 'G' fir-ritratti li tikkorrispondi ghall-appellant odjern. Huma hadu l-istatment tal-appellant u dan wara li huwa

tkellem mal-avukat tal-*legal aid* u dan huwa datat is-16 ta' April 2017 u porezentat f'forma ta' DVD. Hawnhekk tghid li l-appellant kien ammetta li kien biesha izda ma kienx jaf li kienet minrui anzi allega li qaltlu li ghandha ghoxrin (20) sena u kien wara li ghadda biex ibusha u kompliet mieghu. Hija pprezentat statement iehor f'forma ta' DVD datat 17 ta' April, 2017 ukoll tal-appellant.

L-**Ispettur Godwin Scerri** xehed fi-25 ta April 2017 u spejga illi fil-f15 ta' April, 2017 huw akein duty officer l-ghassa tal-pulizija , Qawra u spejga li kien ircieva telefonata minn PS 419 Anton Buttigieg fejn spejga illi kellhom tifla ta' erbatax-il sena fil-kumpanija ta' ommha u missierha u kienu qed ighamlu rapport li kienet giet abbuzata sesswalment minn ragel anzjan. Dak il-hin qallu biex jiehu l-verjsoni taghha fil-presenza tal-genituri taghha. Ikkonferma li l-minuri ghandha erbatax-il sena. Din spjegatlu li iltaqghet ma dan ir-ragel anzjan fit-triq u beda ikellimha u wara ftit hatafha minn idejha u hadha fir-residenza tieghu li tikkonsisti f'garaxx u messha u ghamel xi atti maghha. Huwa ta ordni biex din il-persuna anzjana tigi arrestata biex ikelmuh huma. Jghid li l-ufficjal mar izda kellu xi diffikolta biex jikkomunika mieghu ghaliex ma jafx jitkellem bil-lingwa Taljana bhal appellant izda kelmu bl Ingliz. Appena mar hu l-ghassa u kien ser ikelmu dan qallu '*lo solo baccuata, lo solo bacciata sulla faccia*' li ifisser li kul ma ghamel kien li biesha. Dak il-hin ikkomunika ma l-ispettur Paula Ciantar tal-Vice squad. Appena waslu l-General Head Quaters kien hemm ukoll Dr Licari it-translator prezenti fejn spjegawlu id-drittijiet kollha tieghu u fil-fatt ighid li l-appellant kien tkellem ma Dr Chircop tal-legal aid. Jghid li l-minuri regghet tat l-istess versjoni ta' dak li kien gara u cioe li kienet sejra ghand ohtha u li kien hemm dan l-anzjan li beda jitkellem maghha u li fil-pront hatafha u hadha ghandu. Tghid li kien biesha u anke missilha sidirha minn fuq il-hwejjeg. Qalet li ma hallihiex titlaq u kellha tisgicca pero fl-ebda hin ma l-bieb kien imsakkar. Jghid ukoll li l-appellant qallu li meta staqsiha kemm ghandha zmien qaltlu li ghandha ghoxrin (20) sena u wara qaltlu li ghandha sbatax-il sena (17).

Qal li fiz-zewg stqarrijiet li huma hadu tal-appellant, l-appellant ikkonferma li kien biesha bil-*buona volonta* taghha kif ukoll li kien missielha sidirha. Staqsiha ukoll biex tizzewgu u l-minuri haditha bi kbira meta qallha dawn il-kliem Ikkonferma li kienu ghamlu *photo spread* u li l-minuri gharfet u indikat lill-appellant f'din l-ispread.

Huwa gharaf id-dokuemnt PC1 li hija l-*photo spread* li giet murija lil minuri u d-dokumenti PC 2 u PC 3 li huma l-istatment rilaxxjati mill-appellant.

Fil-11 ta' Mejju, 2017 huwa pprezenta zewg dokumenti li ngabru mill-pulizija nhar il-15 ta' April 2017 minghand l-allegata vitma minuri ***Omissis*** li gew markati bhala dok GS1 kif ukoll dokument iehor li instab fil-bagalja tal-appellant meta kien taht arrest gewwa is- CID il-Furjana nhar is-17 ta' April, 2017 li gie markat bhala dok GS2.

Aktar tard nhar l-10 ta Ottubru 2017 huwa pprezenta sentenza moghtija mill-Qorti fil-konfront tal-akkuzat appellant li giet markata bhala dok CP1[9] Kien gie kkundannat ihallas multa ta' €1,300 wara li instab hati ta' reati konnessi ma nuqqasijiet reltati mal-Ordinanza tax-Xoghol u Tahrig.

WPC 340 Abilgail Farrugia xehdet nhar l-10 ta Ottubru 2017 u kkonfermat li waqt li keinet l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra second watch ghall-habta tad-9.30 p.m filghaxija kienu marru s-sinjuri Peter ma binthom ***Omissis*** jirraportaw li kein hemm persuna ta Nazzjonalita Taljana li prova imiss lil ***Omissis***. Hija ghalhekk ifnurmat lil OS 419 dwra dan ir-rapport u minn hemmhekk il-quddiem ma hadet l-ebda sehem iehor fl-investigazzjoni.

**PS 419 Anton Buttigieg** xehed dwar dak li gie rapportat lilu mill-minuri ***Omissis*** meta kienet fil-kumpanija tal-genituri taghha. Spjgega li qaltlu li kienet giet molestata minn ragel ta' cirka sittin (60) sena gewwa il-fond tieghu fi triq Santa Marija, San Pawl il- Bahar. Jghid li qaltlu li beda ibusha fuq xuftejha u ghonqa u anke pprova inehhillha it-T shirt u l-qalziet taghha. Ikkonferma pero li qaltlu li dan ir-ragel qatt ma neza gharwien izdali beda jghafas il-parti gentiali tieghu ma taghha. Jghid ukoll i kien taha n0numru celuralri taghha flimkein mad-dettalji tieghu dwar ismu u l-indirizz tieghu. Jghid li fuq struzzjonijeit moghtija lilu mill-ispettur Godwin Scerri u huwa mar biex jesegwixxi l-arrest tieghu u dak il-hin qallu 'solo baacio solo bacio' u ghalhekk fehem li kien taha bewsa . Huwa eskortah lejn l-ghassa fejn kompla bl-investigazzjoni l-ispettur Scerri. Huwa esebixxa l-okkorenza li giet markata bhala dok AB1 li hija kopja tad-dokument li jinsab a fol 9 tal-atti.

---

[9] Fol. 128 ta l-atti

